MINUTI

KUNSILL LOKALI FONTANA

IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

**Laqgħa Numru 71**

**It-Tnejn, 27 ta' Mejju 2024**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Komunità tal-Kunsill Lokali, nhar it-Tnejn, 27 ta' Mejju 2024 fis-1:30 ta' wara nofsinhar. Il-ħin tal-laqgħa ġie ffissat bi qbil unanimu bejn il-membri tal-Kunsill.

**PREŻENTI:**
Is-Sur Saviour Borg – Sindku
Is-Sinjura Josephine Camilleri – Viċi Sindku
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Carmel Farrugia – Kunsillier

**Assenti:** Is-sur Jonathan Ċefai – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Loretta Cauchi – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti;**

Is-Sindku Saviour Borg ippresjeda l-laqgħa.

**71.1 Talba;**

71.1.1 Il-laqgħa bdiet fis-01:32 ta' wara nofsinhar, bi qbil unanimu bejn il-membri intqagħlet it-talba tal-bidu.

**71.2 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

71.2.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.



*Kunsill Lokali Il-Fontana, Multipurpose Room, l-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, Triq Ta' Mulejja, il-Fontana FNT1110, Għawdex*
*Tel: 21558877 / Email: fontana.lc@gov.mt / Website:www.fontanagozo.com*

**71.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

71.3.1 Ġew ipprezentati u approvati il-Minuti Numru 71.

**71.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

Is-Sindku għarraf lill-membri li:

71.4.1 Wara li tlesta l-playing field kif kien sar qbil fil-kunsill, intremew it-tunnel u s-seesaw, u bin qodma, żewġ arloġġi li ma kienx għadhom jaħdmu u żewġ imqasses taz-zabra li ma kienx għadhom jaqtaw u "safety carpets" il-qodma;

71.4.2 Għal ħarġa f'Għawdex attendew timintax (18) il-persuna fosthom is-Sindku u l-Viċi Sindku. F' din il-ħarġa marru Ta' Pinu fejn attendew għal-quddiesa u wara zaru: Daħħlet Qorrot, Calypso Cave, Ħondoq ir-Rummien u wara marru jieklu r-Ramla. Għal-ikel kellna għazla ta għaġin u pizzez għal prezz ta €10, l-ikel kien extra u ħalsu għalih r-residenti;

71.4.3 Attenda għall-quddiesa tal-President l-ġdid ta' Malta l-Eċċellenza Tagħha Myriam Spiteri Debono, li saret f' Ta' Pinu, u għar-reċiviment li sar wara fil-foss taċ-Ċitadella;

71.4.4 Bdejna is-servizz tal-Erbgħat Ta' Pinu bil-van tal-kunsill għar-residenti tal-Fontana;

71.4.5 Fil-playing field twaħħal l-apparat kollu u se tiġi inawgurata mis-sindku nhar is-Sibt, 2 ta' Ġunju waqt FestaTfal. Ir-rixtellu tal-playing field u il-grada fuq x-xaft ġew imwaħlin minn Zammit Aluminium. Jonqos li jitwaħħlu żewġ bins milli għandna. Is-Sindku ippropona ukoll li issir lapida kommemorattiva oħra dwar l-aħħar fażi tal-proġett taċ-Ċentru Ċiviku bil-kliem li jfakkar din l-aħħar fażi u l-ħolqien ta' pjazza fuqu mit-tmien kunsill lokali tal-Fontana, li tiġi inawgurata ukoll waqt FestaTfal. Il-kunsill qabel;

71.4.6 Illum wasal l-pedestal l-ġdid maħdum minn Karemnu Curmi li ukoll ser jizzanzan nhar is-sibt fejn l-istatwa tal-Qalb ta' Ġesu wara id-dimostrazzjoni bil-banda Allegro Cleffs, ser tittella fuqu. Dan ser jitqiegħed bejn iz-zuntier u l-ispazju miftuħ li hemm fuq il-bejt taċ-Ċentru Ċiviku;

71.4.7 Peress li din is-sena ma tantx għamlet xita u s-saqaf tal-playingfield kien maqluħ, ġibna bowzer ilma għall-ġibja biex insaqqu ġewwa l-playing field bid-drip;

71.4.8 Ippropona li issir ħarġa għal Malta fit-3 ta' Ġunju u oħra f'Għawdex fis-6 ta' Ġunju, il-kunsill qabel;

71.4.9 Illum ingħata bidu għad- Day Centre tal-Anzjani. Attendew sittax (16) il persuna, u għall-ewwel sessjoni ġiet mgħotija informazzjoni dwar s-servizzi li joffri id-dipartiment tal-Anzjani. L-speakers mid-dipartiment spjegaw fid-dettal is-servizzi ofruti u kif wieħed jista japplika għalihom. Għal din l-attivita ġie ordnat ftit ikel, intlgħabet t-tombla u r-rebbieħa ingħataw hamper. Is-Sindku, Carmel Farrugia u Horace Micallef kienu prezenti għal din l-attivita;

71.4.10 Is-siġra ta Triq il-Għajn, l-isfel mill-knisja (faċċata tal-muturi) ġiet mizbura mis-sid wara li l-Community Police sar jaf minn kien is-sid attwali ta din d-dar;

71.4.11 Il-ktieb li kiteb Mario Saliba qiegħed fil-proċess biex jibda jiġi stampat.Hekk kif jitlesta ser jitqassam wieħed f'kull residenza;

71.4.12 Twaħħlu l-planters tal-fuħħar bil-qsari fi Triq John Gaspard Le Merchant u Kardinal Alessandro Franchi. Fil-prezent inxtraw sebgħa u tletin u jonqos nixtru tlieta oħra. Illum bdejna ukoll nixtru x-xtieli għalihom mid-Dawwara Nursery;

71.4.13 L-insurance tar-roti qeda fil-proċess u suppost daqt jitlesta;

71.4.14 Fi Triq John Gaspard Le Merchant ġiet mibdula l-mera peress li dik li kien hemm inkisret bir-riħ;

71.4.15 Dwar d-deċizjoni li konna ħadna fil-laqgħa preċedenti li tintbgħat ittra bl-avukat lil-kuntrattur li hu responsabli mix-xogħol ta taħt ir-railing. Il-kunsill mhux ċert jekk din intbgħatitx peress li kien hemm diversi tentattivi biex niksbu kopja ta din l-ittra izda sa illum għadna ma irċivejna xejn mingħand l-avukat Chris Said, u meta sar kuntatt mall-kuntrattur dan qatt ma semma xejn fuq din l-ittra. Fil-prezent ix-xogħol qed jitkompla;

71.4.16 Bħas-snin ta qabel, din is-sena ser nerġaw noffru l-ikla f'jum il-festa għal-anzjani li jgħixu waħidhom. Il-kunsill qabel;

71.4.17 Ġbidna l-attenzjoni permess ta telefonata - imma forsi aħjar jekk issir anki permess ta email - biex ma jsirx ħruq ta nar tal-art quddiem il-kunsill peress li jista issir ħsara lit-tapiti ta l-art tal-playing field. Dawn it-tapit ġew jiswew tletin elf ewro (€30,000). Jekk in-nar issir fit-telgħa l-isfel mill-knisja fejn kienu saru toqob u tappieri għal dan il-għan, ma jidħlu fl-ebda spejjez addizjonali għaliex il-kunsill ikun jista jħallas għal permessi neċessarji mil-fond tar-Reġjun. Il-kunsill qabel li tintbagħat bil-miktub;

71.4.18 Saret l-aħħar laqgħa għal din il-leġislautra mal-Community Police li għalija attenda ukoll is-Supretendent. F'din il-laqgħa ġie imressaq l-ilment tas-sitwazzjoni tal-qtates. Ikonfermajna li s-sindku flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv qed nitolbu li dawn jinqabdu mill-animal welfare u wara li jiġu imfejqa is-Sindku ħareġ bi proposta li dawn jintreħew ix-Xlendi in-naħħa ta ġew ħdejn it-torri biex ma jdejqu lil ħadd fejn hemmhekk hemm "cat feeders";

**71.5 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

71.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

**71.6 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti;**

71.6.1 Għal din il-laqgħa kien hemm prezenti żewġ residenti minn Triq is-Sajjieda, dawn xtaqu li jwaslu għal attenzjoni tal-kunsill l-istat li waslu fih bis-sitwazzjoni tal-qtates. Waqt li s-sindku kien qed jispjega kif għandhom jinqbadu il-qtates, ir-resident irrimarka li meta kien hemm tentativ biex dawn il- qtates jinqabdu il-persuna li qed tħalli l-bieb tad-dar miftuħ biex l istess qtates jidħlu u joħorġu bla ebda xkiel waqfet lil persuni li ġew biex jaqbdu dawn il-qtates. Ir-residenta l-oħra issugerit li tista tintbgħat ittra lil din ir-residenta biex jekk trid tiġi rikonoxutta bħal sid dawn l-annimali izzomhom ġewwa, u jekk din tirrifjuta dawn jinqabdu u jitieħdu biex l-ewwel ifejquhom u wara is-sindku ipropona li jiġu mitluqa x-Xlendi n-naħħa ta ġew fejn ma idejqu lil ħadd. Is-sindku irrimarka ukoll li lil dawn il qtates jiġu mid-dipartiment tal-gvern jgħalfuhom. L-istess resident irrimarka li huma jafu fejn qedin jidħlu dawn il-qtates. Ir-residenti żiedu jgħidu li hemm ukoll bieb li jitħalla miftuħ biex dawn il-qtates jieklu minn barra b'xejn u iħamġu barra u jidħlu ġewwa biex jorqdu. Is-sindku ikonferma għal darba oħra li flimkien mas-segretarju taw ordni lil pulizija u jispera li titieħed azzjoni. Dawn ir-residenti ikonfermaw li huma lesti jaslu l-qorti fuq din is-sitwazzjoni għax qed iħossu li din spiċċat f'vedikazzjoni personali lejhom minn dawn il-persuni li ma jridux li jinqabdu l-qtates. Is-sindku ikonkluda billi assigura lir-residenti preżenti li ser jerġa ikellem lil Community Police u jinsisti miegħu biex dan imexxi l-proċess ta din is-sitwazzjoni. Min-naħħa tiegħu r-resident se jkellem ukoll hu lil-puluzija biex jara li din is-sitwazzjoni timxi u titranġa;

71.6.2 Sitwazzjoni oħra li resqu l-istess residenti hi rigward il-ħmieġ tal-ħamiem. Is-Sindku qal li l-iskema li kienet saret biex jiġi sterilizat l-ħamiem sfortunatatment twaqfet mill-Gvern minkejja li kienet ilha madwar sena u nofs biss. Barra minhekk fl-2016 kien sar kontroll tal-

ħamiem meta ġew maqtula darba 90 u darba 80. Dan kien sar fuq talba tal-kunsill lill-awtoritajiet governattivi li bagħtu nies għal dan il-għan. Dan illum ma għandux jista jsir. Ir-residenta wriet ritratti tal-gallarija tat-tifel tagħha li ma tistax tintuza u anqas tista tiftaħ it-tieqa u t-tifel qed isofri min konsegwenzi ta saħħa fejn qed ikollu bzonn juza l-inhaler. Huma irrimarkaw ukoll li l-bejt ma jistax jintuza u jkollow jimpalaw bil-pala bl-amount ta ħmieġ li jkun hemm, u qed jagħmel ħsara ukoll lil panneli;

71.6.3 Is-seesaw li dwara tkellimna fl-aħħar laqgħa ġiet ordnata u anke imwaħħla;

71.6.4 Ċirkular AKL 2024/30 – All Digital week 2024 – Nessy Reading and Spelling Programme financed by the Local Councils' Association;

71.6.5 Il-kunsill bgħat stedina lil Hon. Byron Camilleri u lil Mr. Svetlik Flores biex jattendu għal inawgurazzjoni tat-tisbiħ u rinnovar tal-playingfield izda ħadd minnhom ma jista jattendi minħabba impenji oħra. L-lapidi ġew ordnati u qed niffinalizaw l-kliem li se jintuza. Kif tgħaddi l-elezzjoni irridu nibgħatu l-kontijiet lill-Lesa biex nirċievu l-flus imwegħda għal dan il-proġett, li jammontaw għal aktar minn €69,000. Il-proġett tal-Playingfield sar kollu mill-fondi tal-kunsill;

71.6.6 Is-segretarju inform lil membri li d-dipartment ikonferma li hi se tkun intitolata għal nofsinhari. Dan sar permezz ta email biex ma jkun hemm l ebda disgwit fuq dan il punt;

71.6.7 Il-proċess biex jimtela l-post vakanti ta Clerk fuq bazi part time. Fil-prezent qed nistennew mingħand il jobsplus biex jibgħatu l-lista ta nies li qed jirreġistraw;

71.6.8 Ċirkulari AKL 2024/29 – European Climate Pact National Event;

71.6.9 Ilment mingħand Ms. Beverly Marti dwar dewmi fix-xogħol ta taħt ir-railing, il-periklu li hu evidenti u dwar l-inkonvinjent li qed joħloq lilha biex tidħol u toħroġ mid-dar tagħha. Il-kunsill bgħat risposta fejn spjega dak li kien qed jiġri filwaqt li is-segretarju bgħat zewġ reminders lil avukat li kien tqabbad biex jibgħat ittra lil kuntrattur. Kopja ta din l-ittra qatt ma waslet l-kunsill. Ix-xogħol hu miexi u jekk jkun hemm bzonn nfittxu avukat ieħor peress li Dr. Chris Said ġiet ikuntatjat diversi drabi u ma ħa l ebda azzjoni;

71.6.10 Wara kuntatt mal membri tal-kunsill li kienu favur l-publikazzjoni tal-ktieb hawn qed jiġi ikonfermat ili ser noħorġu purchase order biex tkopri

d-differenza biex il-ktieb issir kollu bil-kulur. Din id-differenza tamonta għal tmien mija u għaxar ewros ( €810);

71.6.11 Tresqet rikjesta għal Parkeġġ Riservat Personalizzat fi triq il-Kapillan Guzepp Hili;

71.6.12 Inġibdet attenzjoni fuq iċ-Cirkulari 4/2004 dwar l-Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali;

71.6.13 Is-sindku u s-segretarju ezekutiv iltaqgħu ma membru minn tal kumitat taz-zagħzagh biex jikonferma l-andament ta Festa Tfal u nasiguraw li kollox jimxi sew u li tirnexxi bl-aħjar mod possibli;

71.6.14 Cirkolari AKL 2024/035 – Informative Document Implementing Bring You Own Container (BYOC) initiative at Local Festas;

71.6.16 Il-Kunsill aprova li Joseph Bajada jitħallas tal-leave li ma uzax fis-sena 2023 dan kien bilanċ ta tlettax (13) il-siegħa. Ġie aprovat ukoll li Miriam Muscat titħallas tal-bilanċ tagħha li kien ta wieħed u tletin (31) siegħa;

71.6.17 Ġie approvat ukoll biex il-kontijiet tal-GO u tal-ARMS jitħalsu hekk kif jaslu biex ma neħlux multi ta late payments;

71.6.18 Saret rikjesta mis-segretarju biex jinxtara office chair għad-desk tal-iskrivan u jiġu ordnati envelopes bil-logo, dan ġie approvat. Ġie aprovat ukol biex s-siġġu li kien hemm imqatta jintrema għax ma għadux fi stat prezentabli;

71.6.19 Is-Segretarju għamlet ukol rikjesta biex jibda jinxtara gradwalment set ta għodda. Prezentament il-handyman qed ikollu juza l-għodda tiegħu. Espremit ukoll l-intenzjoni li il-kamra ta taħt it-taraġ titranġa biex issir store tal-għodda. Filwaqt li ġie approvat li jinxtara l-għodda inġibdet l-attnezjoni li fil prezent meta tintuza is-sala din il-kamra qed tiġi uzata;

71.6.20 Is-Segretarju spjega lil membri kif qed ikollu problema biex jagħti bqija meta jiġu jħalsu l-permessi, etc u talbet li fl-uffiċċju jinzam bilanċ ta ħamsin (50) jew mitt (100) ewro f'muniti. Din t-talba qed issir biex ma tirrifjutax li jitħallsu tickets, etc peress li dawn huma ta qligħ għal kunsill. Din ġiet aċetata unanimament;

71.6.21 Saret ukoll talba mis-Segretarju Ezekuttiv biex naplikaw għal internet fl-uffiċċju peress li l-Wifi4U ma jaqbadx. Il-membri qablu li jsir aċertament li ma hemmx u mhux jaħdem u jekk jirrizulta li ma hemmx naplikaw għalih;



KUNSILL LOKALI FONTANA

71.6.22 Sar qbil ukoll biex għal nhar is-Sibt waqt festa tfal nordnaw u niksfu lapida li tfakkar il-bidu tal-aħħar fazi taċ-Ċentru Ċiviku;

**71.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 53/2024 għal perjodu ta' bejn it-23 ta' April 2024 u s-27 ta' Mejju 2024 li tammonta għal €47,916.89 ġiet approvata u ffirmata. Ġiet preżentata wkoll kopja tal-ispejjeż relatati ma *Petty Cash* li saru matul ix-xahar ta' Mejju.

**71.11 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fil-3.45pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 24 ta'Ġunju 2024 f1-4:30 ta' wara nofsinhar bi qbil unanimu u b'aġenda li tkun komunikata aktar 'l quddiem.

Konfermati, llum 24 ta' Ġunju, 2024

Saviour Borg
Sindku

Loretta Cauchi
Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA